

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-artikoli li jeskludu restrizzjoni tal-kunfidenzjalità u tas-sigriet tan-negozju fl-aċċess għad-dokumenti meta t-talba ssir fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża u fl-aċċess għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, imsemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1); fl-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190); u fl-Artikolu 53 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 1).
- F'dan ir-rigward, huwa sostnut li d-deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha il-Bord tal-Appell ma jagħtix aċċess sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-BUR, tirriżulta f'applikazzjoni żbaljata tal-eċċezzjonijiet għall-aċċess ġenerali għad-dokumenti msemmija fir-regolamenti li għadhom kif issemmew, peress li tali aċċess huwa mitlub fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża u tal-aċċess għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali fl-Artikolu 41(2) tal-Karta (dritt għal amministrazzjoni tajba, fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti).
- F'dan ir-rigward, huwa sostnut li d-deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha il-Bord tal-Appell ma jagħtix aċċess sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-BUR, tikkostitwixxi ksur serju tad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba, hekk kif espress fl-Artikolu 41(2) tal-Karta, sa fejn din ma tosservax l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2018 – IAK – Forum International vs EUIPO – Schwalb (IAK)

(Kawża T-497/18)

(2018/C 352/56)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: IAK GmbH – Forum International (Kirchzarten, il-Ġermanja) (rappreżentant: G. Wilke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Ulrich Schwalb (Köln, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni IAK – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 843 533

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 1511/2017-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tibdel id-deċiżjoni kkontestata b'mod li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tiġi miċħuda fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2018 – ZPC Flis v EUIPO – Aldi Einkauf (Happy Moreno choco)**(Kawża T-498/18)**

(2018/C 352/57)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorreni: ZPC Flis sp.j. (Radziejowice, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Kondrat, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża ir-rikorreni quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Happy Moreno choco – applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 028 087

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 1464/2017-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat lura l-kawża quddiem l-EUIPO għal eżami mill-ġdid.
- tbiddel id-deċiżjoni kkontestata billi tiddikjara li ma hemmx motivi għal rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 015028087 "Happy Moreno choco" għall-prodotti kollha fil-klassijiet 30 u 35 u li t-trade mark għandha tiġi rreġistrata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż favur ir-rikorreni.

Motivi

- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill;
 - ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
-